Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 28/21**
il-Lussemburgu, 1 ta’ Marzu 2021

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

# Dħul fil-kariga ta’ Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta’ deċiżjoni tad-19 ta’ Frar 2021, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn il-25 ta’ Frar 2021 u l-31 ta’ Awwissu 2025, lil David Petrlík minflok Jan Passer.

Fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga ta’ David Petrlík, illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-udjenza solenni ser tixxandar dirett mis-18.30 fis-sit aċċessibbli permezz ta’ dan il-link: http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj

**_Curriculum vitae_ ta’ David Petrlík**

Imwieled fl-1978; master fid-dritt mill-Università ta’ Západočeská, ir-Repubblika Ċeka (2002); master fid-dritt mill-Università Paris I – Panthéon-Sorbonne (2003); dottorat fid-dritt mill-Università Charles ta’ Praga (2016); konsulent legali mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Ċeka (2004); référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-Imħallef J. Malenovský (2004-2015); konsulent legali, sussegwentement assistent kap tat-taqsima legali u, mill-2018, kap tat-taqsima legali fl-Aġenzija tal-GNSS (Sistemi Globali tan-Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea (2015-2021); lettur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tad-dritt tal-proprjetà intellettwali internazzjonali fl-Università Charles ta’ Praga (mill-2011); awtur ta’ numru ta’ pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-1 ta’ Marzu 2021.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*